# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju 2022**

**Rik.Gur. Nru.: 270/2019 JPG**

**Kawza Nru : 21**

**AB**

**Vs**

1) **RD**
2) **U b'digriet tal-20 ta' Frar 2020 gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti AN. B'digriet tat-3 ta' Mejju 2021, Dr Maria Karlsson giet nominata in sostituzzjoni Kuratur Deputat. U permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2021, gie nominat Dr Joseph Brincat bhala kuratur deputat biex jirrapresenta lill-minuri J.**
3) **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB data 15 ta' Dicembru 2019, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

*Illi l-esponent jghix flimkien ma l-intimata RD u in effetti ilu f'relazzjoni ma l-istess RD sa mis-sena 2008.*

*Illi fl-istess zminijiet, l-intimata RD jidher li kienet f'relazzjoni ma l-intimat AN.*

*Illi mir-relazzjoni li l-esponent kellu ma l-intimata RD twieldet tarbija nhar X, li nghata l-isem J.*

*Illi ghalkemm il-minuri imsemmi huwa l-wild naturali tar-rikorrent, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri hawn fuq imsemmi, gie iddikjarat bhala wild tal-intimat AN, meta dan mhux il-kaz.*

*Illi l-attur u l-intimata RD, rabbew flimkien lil minuri J u r-rikorrent dejjem mantnih u ppartecipa b'mod shih fit-trobbija ta' l-istess minuri J.*

*Illi r-rikorrent ghalhekk jixtieq li ibnu naturali J ikun rikonnoxxut b'mod legali u l-istess rikorrenti jigi indikat fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri bhala il-missier.*

*Illi l-attur huwa lest li jissottometti ruhu ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 372/2010.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti:*

1) *Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri J huwa il-wild naturali tar-rikorrent u mhux ta' l-intimat AN okkorendo bil-hatra ta' kwalunkwe esperti in materja li joghgobha tappunta sabiex jassistuha ghad-determinazzjoni tat-talbiet tar-rikorrent.*

2) *Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J li huwa iskritt bin-numru 372/2010 fil-kolonna*

*fejn hemm indikat 'missier it-tarbija' u li fil-present jindika lill-missier it-tarbija bhala AN, jigu inseriti minflok il-konnotati tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta, post tat-twelid u r-residenza tar-rikorrent, u isem missier ir-rikorrenti u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta' Jannar 2021, a fol 31 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi, illi din l-Onorabbli Qorti għandha ssejjaħ lil minuri JN fil-proċeduri istanti stante li din l-azzjoni titratta l-filjazzjoni tiegħu u għalhekk ikun idoneju illi huwa stess jkun parti minn din il-kawża għal kull interess li jista' jkollu. Illi ġialadarba dan jiġi msejjaħ fil-kawża l-esponent huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti għandha taħtar kuraturi għall-istess minuri ai termini tal-artikolu 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri JN, huwa mhux edott mill- fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jistieden lill-attur sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled JN, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled JN, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk missier l-attur kienx għadu ħaj meta twieled JN. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri JN;*

*5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

*6. Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat illi l-intimata RD ma ppresentat ebda risposta guramentata ghaldaqstant hija kontumaci skond il-ligi;

Rat id-digriet ta din il-Qorti datat 16 ta' Gunju 2020 sabiex Dr Yanika Bugeja, fuq talba taghha stess, titnehha mill-inkarigu ta' Kuratur Deputat minhabba kunflitt ta' nteress (vide fol 18) u ordnat illi jigi nnominat Kuratur iehor li lilu jmissu t-turn; (vide fol 41);

Rat id-digriet datat 3 ta' Mejju 2021, li permezz tieghu giet sostitwita Dr Maria Karlsson bhala Kuratur Deputat;

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2021, li permezz tieghu l-attur u RD ddikjaraw illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu divizi bejniethom b'mod ugwali;

Rat illi l-attur ma ghandux aktar provi x'jipproduci fil-verbal tas-seduta datat 9 ta' Marzu 2022;

Rat tad-Direttur Registru Pubbliku datata 11 ta' Marzu 2022 li permezz taghha ddikjara illi ma ghandux aktar provi x'jipproduci u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' Dr Joseph Brincat datata 14 ta' Marzu 2022 li biha ddikjara li ghandux aktar provi x'jipproduci u joqghod fuq ir-rizultat tad-DNA;

Rat in-nota ta' Dr Maria Karlsson datata 22 ta' Marzu 2022 li permezz taghha ddikjarat li ma ghadx ghandha aktar provi x'jipproduci u toqghod fuq ir-rizultat ta' DNA;

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Gunju 2021, li bih giet nominata Dr Marisa Cassar sabiex tezegwixxi it-testijiet genetici fuq l-partijiet u tippresenta r-rapport mahluf taghha; (vide fol 44);

Rat ir-rapport mahluf tal-espert Dr Marisa Cassar minnha mahluf (vide fol 53);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob illi l-Qorti tiddikjara lilu bhala l-missier naturali tal-minuri J. Dan il-minuri twieled nhar X u gie registrat bhala iben l-intimata RD u l-intimat AN u sabiex isiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri bin-numru ta' registrazzjoni *372/2010 a fol 4* tal-atti.

**L-attur fl-affidavit tieghu**, vide fol 59 tal-process, iddikjara illi fis-sena 2008 beda johrog mal-intimata RD li maghha ghadu jghix sal-gurnata tal-lum. Illi fl-istess zminijiet RD kienet ghadha f'relazzjoni mal-intimat N. Xehed illi fi ftit xhur wara li huwa beda r-relazzjoni tieghu ma RD, l-istess D inqabdet tqila u twieled J nhar X. L-attur ddikjara illi huwa u RD rabbew lill-minuri J dejjem flimkien u li sussegwentement twieldet tifla ohra, u cioe S u li z-zewg minuri qed jittrabbew flimkien. L-attur xehed illi dejjem ippartecipa b'mod shih fit-torbbija ta

dawn iz-zewgt tifla u li ghalhekk jixtieq illi ic-ceritifkat tal-minuri J jindika lill-attur bhala l-missier ta' dan it-tifel.

Il-Qort rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tal-minuri b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."[1]***

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat flimkien mal-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 53 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq l-attur AB, l-omm RD u l-minuri J, jistabilixxu illi l-istess attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-attur AB huwa verament l-missier bijologiku tal-minuri J.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jiehu l-kunjom 'BD' sabiex b'hekk il-paternita' vera tal-minuri tkun giustament riflessa fl-att tat-twelid. Illi ghalhekk il-Qorti tordna illi kunjom il-minuri J jinbidel minn 'N' ghal' 'BD.'

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, il-Qorti rat il-verbal kongunt ta' AB u RD datat 25 ta' Ottubru 2021, li permezz tieghu l-attur u RD ddikjaraw illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu divizi bejniethom b'mod ugwali;

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-attur AB bhala l-missier bijoloġiku tal-minuri, JN imwieled f'X lill-intimata RD**

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri J, innumerat 372/2010 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, jħassar il-kliem l-intimat "N" u minflok iniżżel id-dettalji tal-attur u cioe: AB detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru Y, ta' Y sena meta twieled il-minuri; imwieled il-Pieta' u residenti l-Mosta, liema attur huwa iben AYB, haj fil-mument tat-twelid tal-minuri J;**
3. **Tordna, illi l-minuri JN ghandu jigi magħruf bil-kunjom *'BD'***

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu divizi ugwalment bejn AB u RD.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**